IT-TIELET KTIEB SETTEMBRU
TAT-TLITTAX-IL-SENA 1937

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Dun Mikiel Xerri — Il-għali jifnik (R. M. B.) — Il-Mewġa (Ivo Muscat Azzopardi) — Xi żmien kien dak! (A. C.) — Taqtigħa fil-Kunvent ta' San Duminku tal-Belt (Ġużè Gatt) — L-Għaġla u l-Arti (D.K.) — Il-Għelma (D. K.) — Għidut Malti (R.M.B.) Il-Mogħża (D.K.) — Kotba ġodda.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIELET KTIEB TA' L-1937

# DUN MIKIEL XERRI

Meta dan il-għadd ta' "Il-Malti" ikun fl-idejn, Dun Mikiel Xerri jkun għalaq mitejn sena mit-twelid tiegħu, u f'Ħaż-Żebbuġ, ir-raħal ta' twelidu, tkun saritlu, għall-ewwel darba, tifkira ftit u xejn sollenni, u rħama b'erba' kelmiet ta' ġieħ tqegħditlu fil-ħajt tad-dar ċkejkna li kienet tiegħu.

Min hu Dun Mikiel Xerri ? Xtaqna nistgħu nwieġbu għal din il-mistoqsija kif f'pajjiżi oħra jwieġbu għal mistoqsijiet fuq nies kbar li kienu l-ġieħ u l-qawwa tan-nazzjon, jiġifieri ngħidu bir-rqaqat kollha l-fehmiet, l-imħabbiet u l-egħmejjel tiegħu, u nuru mhux biss il-qabar fejn b'għożża kbira huma miżmumin il-fdalijiet tal-ġisem imbierek tiegħu, iżda wkoll il-monument sabiħ li juri lill-Maltin u lill-barrani li jżur il-gżira tagħna, ix-xbieha ta' wieħed minn dawk in-nies li huma bħala mera ta' virtù kbira għall-ġnus kollha li jiġu warajhom. Ma nistgħux; iżda ngħidu dak il-ftit li nistgħu.

Dun Mikiel kien qassis tajjeb, kien Malti safi, kien raġel qalbieni li bla biża' u bla sogħba, b'rasu merfugħa u b'għajnejh mikxufa, milqut mill-balal ta' l-azzarini franċiżi ta ħajtu għal Alla u għall-ħelsien ta' pajjiżu.

Għalina, bħala xirka letterarja, u għar-Rivista tagħna, dan il-ftit hu aktar minn bizzejjed : għaliex dak li aħna xtaqna ngħidu l-lum mhux jekk dan il-qassis kienx għaref, (bħalma aktarx kien), mhux jekk

baqax xi fdalijiet minnu (bħalma, aktarx, baqa'), anqas jekk tidherx x'imkien daqsxejn ta' tifkira, fir-rħam jew fil-bronż, ta' dan il-bniedem: iżda kif qatt ebda poeta Malti ma tqanqal u tħeġġeġ quddiem bniedem hekk kbir u ma kitebx għalih xi innu minn dawk li jtajru x-xrar huma u ħerġin mill-forġa tal-moħħ u tal-qalb. Għax kieku xi poeta fl-imgħoddi, nigges u qajjem xi ftit lit-tajfa maltija min-nghas li kienet fiha, għandu mnejn konna nkunu nafu bosta iżjed milli nafu fuq dan il-bniedem, u kien jirtoqom il-qabar tiegħu, jekk ukoll ma kienx jinbena l-monument għal dejjem.

Gio. Antonio Vassallo, li bħalma għidna darba oħra f'din ir-rivista kien bniedem għaqli u poeta tajjeb, u ħabb lil Malta fl-istorja tagħha, fil-ġmiel tassema u tal-baħar tagħha, fl-egħlejjel tagħha naturali u artifiċjali, u ħabb minn qalbu l-lsien ta' pajjiżu u kiteb bih versi l-ħlewwa tagħhom, għaraf iċanfar ħelu ħelu — u għamel sewwa — lin-nies tagħna, talli qatt ma ħasbu jibnu nitfa ta' monument lill-kbir La Valette li bil-għaqal u bil-ħila tiegħu mexxa lill-Kavalieri u lil misserijietna għar-rebħa tat-8 ta' Settembru, 1565. Iżda għaliex la hu anqas ebda poeta ieħor ma ħaseb iċanfar lill-pajżani tiegħu li ħallew minsi għal kollox bniedem li fi żmenijiet oħra kienu jitkabbru bih Atene u Ruma?

Imma jista' jkun li l-ħtija ma hix tal-poeti.

Issa li ġgajta ta' kiettieba żgħażagħ li jħobbu l-lsien malti u l-letteratura maltija fit-tifsir tagħha l-iżjed sabiħ u għoli, qegħdin jiftħu bħal ħuġġieġa ward, nittamaw illi huma b'versi maħduma bil-għaqal u bissengħa fuq l-inkwina ta' l-imħabba għajjura, jagħarfu jqiegħdu fuq ras Dun Mikiel dak ir-rand li jixraqlu, u mhux fuq ir-ras tiegħu biss iżda wkoll fuq ir-ras ta' oħrajn kbar u minsija.

# IL-GĦALI JIFNIK

Markanton kien nieżel minn ġebbieda tad-daqqaqa. Laqamhom inwiret minn ġidd għal ġidd, għaliex sa minn bosta żmien qabel, lil missier missieru kienu jgħidulu "tal-Kordi"; u b'hekk kont issibu 'l Markanton.

Missieru, m'għandniex xi ngħidu, wiret ukoll dan il-laqam u kienu jgħidulu "Fakond tal-Kordi". Kien raġel ixqar, twil, irqajjaq donnu stwiel, kellu baffi kbar u sfiq sa nofs wiċċu, u n-nofs l-ieħor bid-daqna u l-mustaċċi mqaxxra; għajnejh żoroq dejjem jibru u jidħku. Liebes in-kaxxat, sidrija bi lwien ilellxu u jgħajtu, qmis bajda sidirha mgħoddi bil-lamtu u bil-piegi, bil-pulzieri bojjod ifisqulu idejh, maqfulin f'nofshom b'buttuna tal-ħalib, bil-għonq miftuħ u mxaqleb bħal taż-żinżilli tal-lum, b'maktur tal-ħarir iswed taħt l-għonq tal qmis, maqful b'ħatem jew ġewża tad-deheb b'żewġ daħħaliet għall-maktur, u b'ħafna ħwietem f'subgħajh. Senegħtu, kien idoqq il-vjolin. Martu kien jisimha Vanġiela, it-tnejn kienu Karkariżi u nies sewwa kemm tridhom. Dan is-Sur Fakond, għax hekk kienu jsejħulu, kien imbarka fuq ġifen mill-kbar nett, li kien ibaħħar għall-milju-narji u għal l-iktar nies għonja tad-dinja u, miskin, kien miet imgħarraq; martu bil-għali mietet ħesrem warajh u Markanton tagħna safa ltim meta kellu xi tlittax-il-sena. Kien idoqq tajjeb il-vjolin għax kellu l-għira u x-xeħta. Bin is-sengħa, igħidu, għandu nofsha; u billi zijuh, ħu ommu, rah moħħu jtih u jrid, issuktalu l-iskola tal-vjolin, u meta kellu dsatax-il-sena laħaq l-aħjar vjolinista tal-gżira tagħna; ma kienx jagħmel għajb lil missieru!

Markanton kien għadu jitgħallem il-vjolin meta daħħal f'qalbu lil waħda xebba jisimha Luċija, tifla sewwa u bint is-sewwa. Meta kellu għoxrin sena, iżżewwigħa u waħħalha f'rasu li jbewweġ minn Malta; imbarka, għalhekk vjolinista fuq ġifen jismu "Egmont" li wara li damu jbaħħru seba' ġimgħat, il-ġifen ħa pruwa lejn il-Belġju fejn sorġew għal 20 jum sħaħ u setgħu jinżlu l-art kemm iridu. Wara jum-ejn Markanton u tnejn minn sħabu huma u jduru l-belt, ittrak-kaw ma' qassis nisrani li stedinhom idoqqu fi knisja u huma ma rruftawx l-istedina. L-imgħallem tal-mużka ssaħ-ħar wara idejn Markanton, tafagħlu lixkata rasu u rasu

jogħġbux jibqa' hemm b'kemm kien jaqla' għal darbtejn fuq il-ġifen u f'kemm ili ngħidlek Markanton tah il-kelma li malli l-flotta ssorġi Malta, iħalli l-bastiment, iċiedi 'l zijuh iż-żewġ griebeġ u l-ġonta raba' li kellu fuq ir-riħ tal-knisja l-qadima ta' Birkirkara, jaqta' l-passaġġ għalih u għall-mara u jiġi. Hekk għamel, sitt xhur wara kien Namur u għeluq is-sena kellu tarbija.

Taffa ftit minn l-hemm Markanton, imbiegħed minn Malta, għax kif igħidu bogħod minn l-għajnejn bogħod mill-qalb! Hemm kellu villa l-ġmiel tagħha b'siesha mtellgħin fuq għaqba għariba mbewsa minn fewġa l-iżjed ħelwa min-naħa l-waħda, mħallta mad-dija tax-xemx li titfaċċa għal fuqha mix-xefaq tal-Lvant u min-naħa l-oħra mberrħa għal fuq wileġ kbir, kollu ħdura li għal fuqha kienet titmewweġ b'żiffa ħelwa r-riħa li tgħaxxaq ta' ħxejjex u ward ta' l-oħla fwieħa.

Bil-vjolin kien jaqlagħha tajjeb, kellu l-mara tiswa mitqilha deheb—u hu kien jaf jiżen; għax kien iġibha fuq wiċċ idejh. Iżda d-dinja ddur, iż-żmien jitbiddel u jgħaddi jiġri fuq id-debba! Is-snin għaddew bħal ħolma u Luċija mardet marda tal-mewt; nefqilha ġidu kollu, iżda Luċija marret għand Alla!... Markanton romol u ma baqagħlux ħlief lil ibnu, tfajjel ta' ftit snin, għalla ta' l-imħabba ta' bejnjethom u faraġ waħdieni ta' qalbu. X'ġarrab bil-marda u l-mewt ta' Luċija Markanton, ħadd ma jista' jfissru. Ma riedx jaf b'xogħol, jaħseb biss fuq il-mewt ta' martu u qatt ma żied tbissem iżjed...

Kemm-il-darba Markanton ma' ibnu kien igħaddi sa nofs iljieli jdoqq il-vjolin u mat-tnehid tal-kordi jibki u jolfoq lill-maħbuba martu u jxarrab il-kordi tal-vjolin bid-dmugħ ta' għajnejh! It-tifel donnu l-mewt t'ommu ħassha daqs missieru għax marad u baqa' jnin inin sakemm waqa' f'mal-suttil u safa' għadma u ġilda jibki dejjem ma' missieru! Kont tismagħhom, kienu jisiltulek qalbek!

—"Pa," kien ta' sikwit igħid lil missieru—"Pa, doqq il-vjolin ħalli nibku 'l mamma la ma nistgħux narawha iżjed!" u kien jinfexx jibki u jbikki 'l missieru bħal tarbija. Ma damx żmien twil f'din il-ħajja; it-tifel wasal ukoll biex iwilli u jmur jitgħannaq m'ommu l-għażiża!

—"Papa! meta mmorru ħdejn il-mamma?"—kien igħid it-tifel lil missieru ta' kull lejla. Missieru kien jikser qalbu

u xofftejh musfara u mriegħda kien iressaqhom fuq ġbin ibnu, il-mimmi ta' għajnejh u arah jistampalu bewsa ta' mħabba u jxarrabhulu bid-dmugħ li kien waħda f'waħda nieżel ma' ħaddejh.

Jifhem biss min għandu l-ulied marbutin ma' qalbu.

Meta t-tifel wasal fit–tarf ta' ħajtu, kien iħares lejn missieru u, billi ma kienx jiflaħ jitkellem, kien jagħtih ħarsa ta' ħniena, italla' idu ċ-ċkejkna minn taħt il-għata ta' fuqu u jgħolliha ftit biex ifissirlu jdoqqlu l-vjolin!

Kien jum ta' għid kbir ġo Namur u t-tifel kien magħdur wisq u mwassal fl-aħħar sigħat ta' ħajtu u dak in-nhar ma sata' jieħu xejn u stmell kollox; kien nofs in-nhar.

Wiċċu nsìbek u sfar bħal qarsa tax-xama', il-għaraq beda jxoqq għalih, in-nifs beda jnaqqas....għajnejh niżlu fil-ħofra u t-tifel donnu ried igħid xi kelma... iżda ma felaħx. Kien mitluq għal mejjet! Qaleb kemm xejn għajnejh lejn missieru, qabżulu l-aħħar żewġ demgħat minn xfar għajnejh u b'ħarsa miksura għamillu s-sinjal biex idoqqlu l-aħħar karba tal-kordi tal-vjolin! Missieru fehem, tniehed u qalbu tnikktet għall-mewt. .. twieżen qajl qajl... inxteħet fuq siġġu ma' ġenb ras ibnu l-għażiż b'wiċċu lejh... qabad imriegħed il-vjolin...infexx f'bikja li kienet tislet id-dmugħ mill-għajnejn... beda jsamma' noti ta' lfiq u biki mill-kordi tal-vjolin...idoqq u jibki.... ibnu tah l-aħħar ħarsa miksura.... tbissem tbissima ta' l-anġli tas-sema u radd ruħu 'l Alla wara li b'leħen mitfi qal: "P...a..!"

Missieru ħares ċass fuq ibnu....telaq minn idejh il-vjolin u l-ark....

"Ġes...ù... Ma...ri...ja..."

Qabditu l-ħurħara... għannaq lil ibnu... ruħu nsiltet minn ġismu... u Markanton miet bħal għasfur, qalbu maqsuma.

R. M. B.

# IL-MEWĠA

Jekk tiftakru sewwa f'San Ġiljan, fit-Trieq li tagħti għal Birkirkara, aktarx in-naħa ta' fuq tat-telgħa u qabel taqbad it-Trieq tal-Mensija—xi għoxrin sena ilu—kien hemm Teatrin. Fih kienu jsiru kull xorta ta' drammi, kummiedji u farsi, u n-nies kollha ta' San Ġiljan, u ħafna minn ta' tas-Sliema, kienu jmorru għal dawn ir-reċti, l-ewwelnett għax id-dilettanti kienu tajbin tassew, imbagħad għax divertimenti oħrajn, dik il-ħabta, ma kienx hemm. Il-Kumpannija, li kien jisimha "IŻ-ŻGĦAŻAGĦ BELTIN", kienet magħmula minn tfal tal-puliti li kienu mdorrijin imorru jgħaddu ix-xhur tas-sajf għall-arja tal-baħar; għalhekk id-dilettanti kienu l-koll tfal ta' l-iskola li jafu l-affarijiet tagħhom sewwa, u jafu jagħmlu l-ħwejjeġ kif imiss, u dawn ir-reċti kienu mistennijin bi ħrara minn Sibt għal Sibt.

Fost dawn id-delettanti kien hemm żewġ żgħażagħ—il-protagonisti ta' din il-ġrajja—li kien jisimhom Ġużeppi Frendo u Frans Chetcuti. Ta' l-ewwel ma tantx kien jinqala' għar-reċti imma kien makkjettist tajjeb u malli kien jidher fuq il-palk kulħadd kien jinqasam bid-daħk mingħajr anqas ma jkun għadu fetaħ ħalqu; l-ieħor kien aktarx mistħi imma kellu ħabta kbira biex jirtokka ruħu, u meta kien jinterpreta xi parti żgħira, imma tqila, dejjem kien jagħmel l-isbaħ figura.

U waqt li qed taraw għaddejjin quddiemkom dawk iż-żminijiet ta' għaxqa u hena—San Ġiljan bil-baħar sabiħ tiegħu, miżgħud bil-frejgatini ta' kull daqs u għamla; żgħażagħ fl-aħjar tagħhom jiġġerrew mat-triqat f'xemx taqli, jew mixħutin taħt xi siġra tal-ħarrub jissajjaw xi werżieq biex jaqbduh; xalati għad-dawl ta' qamar in-naħa tal-Mensija jew il-Qaliet; it-Teatrin ta' Strada Birkirkara mimli bħal bajda għax il-Kumpannija taż-ŻGĦAŻAGĦ BELTIN sejra tagħti għall-ewwel darba f'Malta id-dramm 'Mgħallaq bla ħtija" u wara, il-makkjettist Frendo sejjer igħanni, ukoll għall-ewwel darba, "Sinjuri, ftit hawn bħali"—sejjer nagħlaq l-ewwel Att ta' din il-ġrajja u nniżżel is-siparju.

* * *

Id-Destin kien qiegħed jaħżen għal Ġużeppi Frendo ħaġa kbira u l-bomba faqqgħet xi għoxrin sena wara li s-siparju tat-Teatrin ta' San Ġiljan niżel biex itemm il-programm ta' dik ir-reċta qatt minsija, mita Frendo, wara li għanna l-kanzunetta "Sinjuri, ftit hawn bħali", kien ġie mgħolli fuq l-idejn u kulħadd xorob miegħu għax, ftit granet wara, kellu jitlaq għall-Awstralja biex ifittex ix-xogħol.

Frendo, dik il-ħabta, ma kellux ħlief xi għoxrin sena. Missieru, l-Ispiżjar Frendo, ma seta' qatt jistabar li kellu jitlef lil ibnu fl-aħjar tiegħu. Ġużeppi ma kellux għalfejn isiefer: l-Ispiżerija kienet hemm, lesta biex ikollha werriet, għalfejn, mela, dak is-safar? Imma Ġużeppi ma ried jisma' b'xejn għax ma setax jifhem kif kellu jgħix ħajja magħluqa wara bank ibigħ xi duwa jew xi ftit ilma mħallat bil-velenu. Malta kienet ċkejkna wisq għalih .... it-triqat dojjoq .... il-bini baxx. Il-Missier ma kienx jaħsibha bħalu u l-aħħar kliem tiegħu kien: "Mur, itlaq, siefer, imma hawn għad tispiċċa, għax hawn Art twelidek." U ftit wara Frendo sab ruħu l-Awstralja, ġewwa Sidney, bla magħruf minn ħadd.

Il-ħabib tiegħu Chetcuti kien taha għall-kummerċ imma wara xi sitta jew seba' snin tiġrib u tagħdib qata' qalbu u, huwa wkoll, kellu jitlaq minn Malta. Chetcuti siefer għal Port Sajd fejn, wara ftit xhur ta' taħbit, irnexxielu jdeffes rasu fil-Kupannija tal-Kanal tas-Swejz—impieg mill-aħjar li għamlu ħieni għal kollox. Iżda mita sab ruħu bgħid minn Malta, bgħid mill-għażiża Malta tiegħu u mill-familja, beda jħoss il-firda minn dik l-imbierka gżira, firda li armajn marditu u biss kieniħoss ruħu mfarraġ mita, magħluq f'kamartu, kien jikteb, bil-Malti xi poeżija, xi grajja qasira, xi taħdita patrijottika u, fuq kollox, xi dramm u kummidja għall-palk, għax il-ġibda għall-palk ma kien tilifha qatt.

Jum wieħed kien qiegħed jaqra bl-akbar ħrara l-ġurnali li kienu għadhom kemm waslulu minn Malta u fl-isbaħ iltaqa' ma' l-aħbar li ċertu Malti li jinsab f'Hollywood kien qiegħed jagħmel furur kbir bħala artista taċ-ċinematografu.

Għal Joseph Friends kienet qed tinfetaħ karriera kbira, u ħafna ditti kbar ta' Hollywood kienu bil-pika bejniethom min minnhom kellu l-ħila jikseb lil Friends.

"Imma Friends mhux kunjom Malti!" qal bejnu u bejn ruħu Chetcuti, "għada nistaqsi lill-ħabib tiegħi, id-Direttur tar-Rivista Ċinematografika, jekk qattx sama' bih?" U kemm

stagħġeb, l-għada, meta sar jaf li Joseph Friends ma kienx ħaddieħor ħlief il-ħabib tiegħu Ġużè Frendo!

Frendo wara taħbit u twegħir mill-aqwa, wara li kien bata saħansitra l-ġuħ, kien ħalla l-Awstralja u mar l-Amerka, fejn ġera ma' mitt belt, u fl-aħħar spiċċa f'New York. Għall-iskola ma tantx kien mill-aħjar imma leħnu patta għan-nuqqas ta' moħħu. Kien ukoll iħobb ħafna li *sports* u, mita kiber, l-iżvilupp ta' ġismu u ta' leħnu għenuh biex jagħtiha għall-palk mhux iżjed bħala dilettant tat-Teatrin ta' San Ġiljan (b'ribalta wiesgħa sew sew ħames metri) imma artista tal-professjoni tat-Teatri ta' New York, minn fejn, tarġa wara tarġa, tela' s-sellum tar-Rebħ ta' l-Arti. U mita darba waħda, wieħed mid-Diretturi ta' Dar kbira taċ-ċinemetografu nzerta f'Teatru fejn kien hemm ikanta Friends (għax Frendo, li kif ġa ntbaħtu, deherlu li Joseph Friends kien jixraqlu iżjed minn Ġużeppi Frendo) id-destin faqqa' dik il-bomba li kien ilu ħafna jaħżinlu. U fi ftit xhur ismu sar magħruf minn kull-ħadd u l-arti tiegħu miqjuma.

Chetcuti ried itir bil-ferħ, malli sar jaf dan kollu, u, kif rnexxielu ikun jaf fejn kien igħammar il-ħabib antik tiegħu kitiblu ittra twila twila fejn fiha talbu ritratt iffirmat minnu, fakkru fil-jiem imgħoddija, qallu kemm huwa baqa' jiddelitta bit-teatru, kemm kiteb drammi u kummidji u żellaqlu xi kelma li kien jixtieq jibgħatlu xi dramm jew kummiedja ħalli, jekk jista' ikun, imexxihomlu ma' xi dar magħrufa u, ma għandna xi ngħidu xein, jinterpretahomlu huwa n-nifsu.

Għal ġimgħa, tnejn, tlieta... Chetcuti stenna t-tweġiba, imma għalxejn!, stabar u ħaseb: "Min jaf kemm hu mħabbat artist bħal dak; imbagħad l-Amerka qiegħda tant bogħod mill-Eġittu!...."

Reġa' kitiblu u reġa' stenna, imma għalxejn.

Fl-aħħar, biex iħajru jwieġeb, bagħatlu xi programmi ta' Festi li fihom kien jidher isem Chetcuti jew bħala awtur ta' xi poeżija, jew bħala awtur ta' xi dramm jew kummiedja; imma anqas din id-darba ma ġiet it-tweġiba.

Chetcuti beda jitfantas u ma setax jifhem il-għala l-ħabib tiegħu Frendo kien insieh. Li kien għadu f'Hollywood kien żgur għax kien jaqra fuqu ta' sikwit.

Mela reġa' għamel ħiltu u kitiblu ittra sabiħa fejn fiha reġa' fakkru f'ħafna ħwejjeġ ta' l-imgħoddi u ħeġġu biex ma jinsiex il-ħbieb antiki tiegħu li kienu tant igħożżuh.

Wara xi xahar u nofs waslitlu ittra mill-Amerka; envelopp kbir. Chetcuti qabditu r-rogħda mita rah quddiemu. Mela, fl-aħħar, xewqtu kienet sejra tinqata'! Fl-aħħar waslitlu t-tweġiba minn għand il-ħabib tiegħu, minn għand Friends, l-artist kbir ta' Hollywood! Fl-aħħar kien ikun jista' juri ' l kulħadd ir-ritratt ta' Frendo b'dedika twila u sabiħa u, bla dubju xejn, żgur li Frendo talbu biex jibgħatlu malajr xi kummiedja tiegħu ħalli jinterpretahielu huwa n-nifsu!

U, b'dawn il-ħsibijiet f'rasu, Chetcuti, fetaħ l-ittra.

Li kieku nzerta bil-wieqfa żgur li kien jistabat ma' l-art. L-ittra kien fiha l-programmi u l-ittri kollha li kien bagħatlu Chetcuti u kienu marbutin flimkien ma' ittra qasira, miktuba bl-ingliż, mis-Segretarju ta' Joseph Friends fejn fiha talbu biex ma jiktebx iżjed ittri stupidi u biex ma jdejjaqx iżjed lil M. Friends. Is-Segretarju spiċċa l-ittra tiegħu hekk. "Mr. Friends qalli biex ingħidlek li huwa, *bħala Amerikan li hu*, ma hux bi ħsiebu jagħti kas tal-kliem żejjed u l-ħolm ta' rasek!"

Chetcuti baqa' bla nifs; poġġa rasu bejn idejh u beda jibki bħal tarbija.

U s-siparju tal-.... ħajja.... niżel b'għaġla kbira biex jagħmel final mudern u jaqta' l-bikja li kienet ħierġa minn qiegħ qalb Chetcuti.

* * *

Mita s-siparju tal-ħajja reġa' tela', kienu għaddew minn fuq id-dinja, u minn fuq niesha, xi ħmistax-il-sena u l-primattur tagħna, is-sur Chetcuti, kien qata' xewqtu u reġa' l-ura Malta għal kollox, b'pensjoni tajba u kapital ġmielu. Issa kellu ftit fuq il-ħamsin sena imma kien jidher ta' anqas.

Chetcuti kien raġel bil-għaqal u dejjem baża' għal saħħtu, u, bl-impieg tajjeb li kellu u xogħol ta' bla tkagħbir, għenuh biex, wara tletin sena li kien ilu nieqes minn pajjiżu, li qatt ma nesa, jerġa' l-ura fih ħieni u kollu saħħa.

Jum minn dawn, iżda, kien għaddej minn Strada Rjali u għajnejh waqgħu fuq tabella ta' Spiżerija: "L-ISPIŻERIJA FRENDO". Ħafna ħsibijiet ta' mrar bdew għaddejjin minn moħħu... Ftakar fl-Ispiżjar Frendo, f'ibnu, fil-karriera tiegħu bħala artist, fl-ittri li kien kitiblu u f'dik l-ittra misħuta li

kienet tant weġġgħetlu qalbu. Wara dik l-ittra hu kien ħalef li ma jikteb qatt iżjed lil Frendo. Mita kien jara ismu x'imkien kien idawwar wiċċu band'oħra. Mita jaqra b'xi trijonf tiegħu iqatta' l-ġurnal bċejjeċ bċejjeċ żgħar.... u mita għadda ftit taż-żmien u l-isem ta' Friends kien għab għal kollox mid-dinja tat-Teatru u taċ-Ċinematografu, kif jgħibu l-kwiekeb kollha tas-sema. . . u ta' l-art, Chetcuti kien insieh għal kollox.

Imma issa huwa u għaddej minn quddiem dik l-ispiżerija ftakar wisq tajjeb dak li kien ħass fl-imgħoddi u ried kieku jibqa' għaddej dritt imma ħass ruħu bħallikieku msammar mal-bankina u wara ftit, mingħajr anqas jaf kif, sab ruħu ġewwa l-ispiżerija.

"L-ispiżjar Frendo hawn jekk jogħġbok ? " staqsa lill-ewwel wieħed li ġie quddiem wiċċu, qisu qed jistaqsi għal xi ħadd li kien għadu kif rah xi jumejn qabel.

"L-ispiżjar Frendo ilu li miet ! u din l-Ispiżerija, għalkemm għadha ġġib ismu, mhix iżjed tal-familja Frendo," wieġbu b'nofs daħka l-impjegat bħallikieku ried igħidlu : "Int trid tiċċajta !"

"Tassew ! ! Miskin ! Alla jaħfirlu. Taf kemm kien iħobbni lili u . . . . ibnu x'sar minnu ?"

"Liema minnhom ?"

Chetcuti kien nesa li Ġużeppi Frendo kellu żewġt aħwa oħra u kieku xtaq li ma jsemmix ismu u baqa' bħal imbikkem iħares lejn l-impjegat.

"Liema minnhom ?" tenna l-impjegat mita rah hekk. "L-artist, dak li kien l-Amerka ?"

Chetcuti ħass qalbu tferfer. "Iva," wieġeb.

"Dak, miskin ma tantx jinsab tajjeb. Jekk tridu mur saqsi għalih il-Furjana, għandu ħanut tax-xorb taħt il-Loġoġ."

"Kif ? ! Mela Ġużeppi kien reġa' lura mill-Amerka ? U kif kien il-ġurnali ma kienu kitbu xejn fuqu ? Dan żgur ! Mela l-ġurnali Maltin kienu sejrin jiktbu kontra wieħed Malti li niżel is-sellum tal-glorja bl-akbar għajb avolja dak il-Malti ma kienx jistħoqqlu ebda mogħdrija għal kif mexa ma'Art twelidu, u. . . .ma' ħbiebu.

U, b'dawn il-ħsibijiet iberrnulu rasu telaq il barra, bla

kliem u bla sliem, qalbu mnikkta u b'demgħa nieżla fuq ħaddejh.

L-impjegat ma seta' jifhem xejn u qal bejnu u bejn ruħu: "Dan x'miġnun hu!" Imma li kieku seta' jaqra f'moħħ is-sur Chetcuti żgur li kien jagħdru.

Chetcuti baqa' ma jafx kif sieħbu minn dak l-isem kollu li kien għamel u dawk il-flus kollha li kien qala' kien ġie fix-xejn u kull mita kien imur sal-Furjana ma kien igħaddi qatt minn taħt il-Loġoġ, li Alla ħares qatt ma jiltaqax ma' Frendo wiċċ ma' wiċċ. . . .

Ivo Muscat-Azzopardi

Lixandra, 20-2-36.

# Xi żmien kien dak!

Xi żmien kien dak meta fiċ-ċokon tagħna
bdejna nċaqalqu r-riġel fil-mogħdija
ta' ħajja mżewqa kollha ward fi ħdanha
quddiem żerniq ta' sema bl-isbaħ dija·...

Meta bħal omm b'idejha t-tnejn tilqagħna
ħassejna d-dinja u fraħna b'kulma fiha;
quddiemna rajna biss uċuh daħkana,
bla xejn ma nafu xinhu ħsieb, tbatija;

u meta bkejna għaliex tintemm ġo fina
ma ħassejniex hekk dlonk xi xewqa żgħira,
u ma' ġenb rasna sibna l-id ħanina

timsħilna d-dmugħ u bil-bewsiet fuq fommna
nisimgħu min iwegħ'dna ħaġa kbira
li bil-ħsieb tagħha rqadna f'ħoġor ommna!....

Xi żmien kien dak fejn l-ieħor li għaddejna
f'ġenn ta' żgħożija meta fil-belliegħa
ta' mitt xewqa bil-ħsieb mitluf trabbejna
b'tama ta' rebħ—tal-ħajja l-isbaħ siegħa!

Xi żmien kien dak fejn dak li fih tgħabbejna
bi ħsieb qalil li l-weraq tar-rebbiegħa
waqqa' mill-moħħ, imbagħ'd quddiem għajnejna
tal-bluha ħalla biss l-imsejkna xbieha!

"O dak kien l-isbaħ żmien u nibkuh għadna,"
tisma' min jgħidlek, u min jaf b'dil-karba
lejn dak iż-żmien il-ħsieb, min jaf, kemm ħadna!

U biex teħfief il-qalb minn xi tagħbija
ta' dwejjaq u ta' mrar, O kemm-il-darba
xtaqnieh iż-żmien li fih konna tarbija!

Iżda ma nafx l-għaliex nibkuh u tiegħu
il-jiem nixtiequ nerġgħu ngħixu fihom:
iż-żmien li fih kien kollox ħolm u miegħu
malli x-xewqat jitwieldu l-qalb tinsiehom;

u xejn ma taħseb, xejn ma tbati bihom,
u xejn ma tħoss il-qalb, u 'l ħabib tbiegħu
kull ħin, u l-waqgħat tagħha le tibkihom,
u ġewwa fiha l-ġieħ ma jarfax driegħu!

Aħjar mitt darba tbati, tħoss il-kedda
ta' xogħol il-moħħ u r-ruħ, u tgħix fi ġlieda
inti u taqsam tal-ħajja l-isbaħ medda;

aħjar mitt darba tibki u ssaffi qalbek
u tarfa' rasek: fuq is-swar ix-xhieda
tagħti ta' ruħ qalbiena lil min sallbek!

8—9—1937

A. Cremona.

# Taqtigħa fil-Kunvent ta' San Duminku tal-Belt

Kien filgħaxija tat-30 ta' Lulju ta' l-1639, fil-Belt, għall-ħabta ta' l-Imwiet, wieħed Kavalier Aragoniż, għadu Novizz, kien fil-bieb ta' daru, bil-qmis u l-qalziet ta' taħt, jistgħall iż-żiffa li kienet. Qrib tiegħu ġie wieħed tfajjel iħabbat dar ta' waħda mara; iżda, għat-taħbit tat-tfajjel, ħadd ma wieġeb u għadilli n-Novizz qallu biex ma jħabbatx aktar, għax, milli deher, ma ridux jiftħulu, it-tifel baqa' jħabbat xorta waħda. It-taħbit għalxejn dejjaq lin-Novizz u għalhekk dan heddu li jekk ma jitlaqx, jitfagħlu daqqa ta' ġebla. U fil-ħin li qallu hekk, tmejjel lejn l-art, taparsi sa jerfa' ġebla. It-tfajjel tbeżża' u telaq jiġri mwerwer. F'dalwaqt, in-Novizz isib wieħed fuqu għal għarrieda. Dar-raġel, li ħareġ minn dar mhux bogħod minn fejn kien in-Novizz, u kellu pistola f'idu b'ħames balal, bla wisq kliem għamel in-nar fuq in-Novizz u darbu f'sidru. In-Novizz inxteħet fl-art, u wara ftit miet, waqt li l-ieħor dabbar rasu u għosfor.

L-għada filgħodu l-Ħaqq sar jaf li l-qattiel tan-Novizz kien wieħed jismu Ġann Bjaġju Trimarchi. Dan Trimarchi kien sieħeb ma'ieħor, jismu Ciardo fi qtil ta' wieħed Maħżnier taż-żejt ma' l-Università tal-qmuħ. Għal dana l-qtil tal-Maħżnier, Trimarchi kien maqbud u miżmum f'Sant'Jermu, iżda wara ħarab mill-Kastell u mar jistkenn fil-Knisja ta' San Duminku tal-Belt. F'dil-Knisja kien hemm jistkenn ukoll ieħor jismu Ġakki Calli u dan u Trimarchi saru ħbieb ħafna.

Ġakki Calli kien Sqalli. Kien ġie Malta wara li fi Sqallija kien għamel xi għaxra jew tnax-il-delitt. Meta wasal hawn kien maqbud u mitfugħ f'Sant'Jermu. Iżda fl-1637 irnexxielu jaħrab minn dana l-Kastell, u kif għedna, mar jistkenn fil-Knisja ta' San Duminku.

Calli, Trimarchi u tlieta oħra li kienu jistkennu fil-Knisja ta' San Duminku, kienu l-biża' ta'kulħadd. Minn hemm kienu joħorġu jduru mal-Belt, armati sa snienhom. Kienu jżuru 'l bejjiegħa, u bit-theddid kienu jisolħulhom il-flus. Dil-ħaġa kienet issir bil-lejl, jew bin-nhar, kull meta jfettlilhom, għax kull ħin kien igħodd għalihom. Barra minn dan, kienu jagħmlu kulma jridu u jogħġobhom. U billi dak iż-żmien l-Is-

birri fil-Belt kienu jingħaddu fuq is-swaba' ta' id waħda, ħadd ma kien jittarraf iżommhom.

Wara li Trimarchi qatel lin-Novizz Aragoniż li semmejna, ma reġax mar jistkenn fil-Knisja ta' San Duminku, fejn sħabu. Trimarchi qabad it-trieq ta' barra l-Belt u mar jistkenn fil-Knisja tad-Duluri, f'tal-Pietà, li dik il-ħabta kienet f'idejn il-Patrijiet ta' Santu Wistin, taqdi bħala Kunvent tagħhom.

Xi Kavalieri, ta' ġens wieħed man-Novizz Aragoniż maqtul ingħaqdu ma' bosta kavalieri ta' ġnus oħra. u marru għand l-Isqof, u qalgħu minn għandu li jistgħu jaqbdu u jieħdu lil Trimarchi mill-Knisja tad-Duluri. Għal dina l-biċċa marru magħhom, lejn tal-Pietà, il-Mastru Skudier, il-Gran Viskont u l-Isbirri tal-Kistlanija. Iżda, billi Trimarchi kien igħasses għall-ħarsien tiegħu b'dehwa kbira, malli ra dawk innies kollha mexjin għal ħdejh, fehem malajr x'kien ġej għalih u bla telf ta' żmien xejn telaq mill-Knisja u qabad il-wesgħa tar-raba' b'żewġ pistoli f'idejh. U hekk għosfor minn taħt għajnejhom u ħeles minnhom.

In-nies tal-Ħaqq damu tlitt ijiem u tlitt iljieli jfittxuh u jissajjawh bla ma setgħu jsibu fejn mar jinħeba.

Wara saru jafu li fil-ħarba tiegħu, iltaqa' ma' wieħed jismu Ġanfranġisk, ħabib tiegħu ħafna, u billi Trimarchi ma kellux balal u polvri, tah qrajjen u talbu biex jibagħtu għand ĠakkiCalli, ħalli jimlihulu bil-balal u l-polvri u jħallihulu għand wieħed, fejn wara Trimarchi kellu jmur għalih.

Dat-tagħrif issokta jxewwex u jimla aktar lill-Kavalieri għal Ġakki Calli, li kienu diġa mdaħdħin mhux bil-ftit għalih fuq ħtijiet oħra kbar li kien għamel.

Ħabat li, fis-6 ta' Awissu, 1639, daħlu fil-port erba' xwieni tal-Ordni. Żewġ Kavalieri Spanjoli kienu għaddejjin qrib il-Knisja ta' San Duminku u lemħu quddiemhom miexi wieħed żagħżugħ liebes bħalma kien jilbes Trimarchi, barra milli wkoll minn ġismu kien jidher donnu hu. Dawn il-Kavalieri Spanjoli, billi kienu jafu bil-qtil tan-Novizz Aragoniż,u lil dak iż-żgħażugħ ħasbuh Trimarchi, bdew jgħajtu : "żommuh lil dak il-qattiel," ħarġu x-xwabel u telqu jiġru għalih. L-ieħor malli ntebaħ bihom, ħarab, ħareġ pistola u telaq għall-Knisja ta' San Duminku. Kif dan iż-żagħżugħ qorob lejn il-Knisja, fil-bieb, dehru Ġakki Calli u tnejn oħra miegħu. Dawn, bil-pistoli f'idejhom, heddu lill-Kavalieri li jagħmlu n-nar fuqhom, kemm-il-darba jittarrfu jmissuh.

Il-Kavalieri, billi ma kellhomx għajr ix-xabla u sejf, u għalhekk raw li ma setgħu jagħmlu xejn man-nar, żammew ruħhom lura, dawru denbhom u baqgħu sejrin. Iżda meta telqu, Ġakki Calli ġibed warajhom il-pistola fl-ajru. Għal dana l-insult, iż-żewġ Kavalieri għadbu għas-sħiħ, u f'kemm trodd salib, ġabru magħhom għadd sewwa ta' Kavalieri oħra u dawn telqu l-koll għall-Knisja ta' San Duminku, mħejjija bl-ixkubetti. Iżda billi malli waslu hemm, sabu l-bibien tal-Knisja magħluqa dawru l-Kunvent minn kullimkien, biex ta' ġewwa ma jkunux jistgħu jaħarbu, u talbu lill-Patrijiet ħalli jagħtuhom f'idejhom lil dawk in-nies.

Il-Gran Mastru li kien il-Palazz, qed jiekol imdawwar bis-Siniskalk u l-Gran Kruċi, malli sama' bli ġara, bagħat malajr lis-Siniskalk u xi Gran Kruċi li kellu jieklu miegħu, biex igħidulhom iwarrbu u jitilqu minn hemm; iżda l-Kavalieri ma riedu jisimgħu b'xejn. Fuq hekk, il-Gran Mastru reġa' bagħat malajr il-Marixxall ta' l-Ordni bil-Bastun tal-Ħaqq f'idu, flimkien mas-Siniskalk, bosta Gran Kruċi u ħafna Kavalieri. Il-Marixxall beda jwiddibhom u jheddidhom b'pieni ħorox, kemm-il-darba ma jitilqux minn hemm. Iżda l-Kavalieri tmellħu minnu u mill-Bastun tal-Ħaqq li kellu, għax baqgħu fejn kienu, iridu biss lil dawk l-erbgħa taħt idejhom.

Meta l-Marixxall ra li ma beżgħux mis-setgħa li kellu, tkellem mal-Gran Kruċi u mal-Vigarju ta' l-Isqof, li s-Siniskalk kien bagħat għalih biex jiġi minn daru, ħalli jaraw kif sa jsewwu dil-biċċa. Dawn qalu lill-Kavalieri, li sa jidħlu fil-Kunvent u jġagħlu lil Calli u lil sħabu jroddu rwieħhom minn rajhom u mbagħad jeħduhom fil-ħabs, jew ta' l-Isqof jew tal-Kistlanija, u wara jsir il-Ħaqq li jistħoqq minnhom. Il-Kavalieri qagħdu għal dan, u l-oħrajn daħlu l-Kunvent weħidhom, marru fejn Ġakki u sħabu jgħidulhom biex jerħu rwieħhom f'idejhom, iżda dawk ma redux, għax il-biċċa ma għoġbithomx. B'danakollu, biex iberrdu l-għadab tal-Kavalieri, u dawn iħittxu jitilqu minn hemm, ħarġu fil-bieb tal-Kunvent igħidulhom li Calli u sħabu qegħdin f'idejhom marbuta u sa ftit ieħor jeħduhom il-ħabs, imbagħad reġgħu daħlu ġewwa, bil-ħsieb li jtennu jħajru lil Calli u lil sħabu biex ma jwebbsux rashom iżjed. Iżda dawn ingħalqu f'kamra u ma riedu jafu u jisimgħu b'xejn.

Il-Kavalieri xebgħu jistennew barra. Fl-aħħar daħlu ġewwa l-Kunvent huma wkoll. Marru fejn kienu magħluqa Ġakki u sħabu, u riedu jitfgħu l-bieb tal-kamra ġewwa. Iżda Ġakki u l-oħrajn fetħu n-nar bil-pistoli għal fuqhom.

Balla laqtet lil wieħed Kavalier fi rkopptu, imma billi din, sa kemm għaddiet mill-injam tal-bieb, tilfet saħħitha, ma għamlitx ħaġ'oħra ħlief benġlithielu biss. B'hekk il-Kavalieri ntebħu malajr, li, kemm-il-darba jiftħu l-kamra, b'rashom idur għax jibqgħu mejta. Għalhekk warrbu minn fejn il-bieb u telgħu fuq il-bejt tal-kamra. Hemm għamlu ħofra kbira fis-saqaf u bdew jisparaw minnha bl-ixkubetti għal ġewwa l-kamra. Iżda b'hekk mhux biss ma għamlux ħsara lil dawk ta' isfel, imma fuq il-bejt sabu ruħhom mikxufa għan-nar ta' l-oħrajn. Iżda ma qatgħux qalbhom: ġiebu ħafna tiben, tawh in-nar u xeħtuh isfel, għal ġewwa l-kamra, biex, jew jaħarqu lil dawk ta' isfel, inkella mħabba d-duħħan ikollhom jiftħu l-kamra u joħorġu minnha. U hekk ġara: malli dawk fetħu t-tieqa u tfaċċaw għal barra, il-Kavalieri għamlu n-nar fuqhom u Gakki Calli u tnejn oħra baqgħu mejta. Ir-raba' wieħed, qabeż mit-tieqa u baqa' midrub b'daqqa ta' sejf. Ingħad li ġie milqut minn Calli, waqt li dan kien q'ed jaqbeż għal isfel. Il-midrub ħaduh lejn l-Isptar biex jiddewwa. Iżda Trimarchi ma kienx wieħed minn dawk l-erbgħa; dak baqa' jiġri maħrub fir-raba, idabbar rasu kif jista'. Il-Gvern għamel kemm seta' biex jaqbdu taħt idejh, sa ħareġ Bandu fejn wiegħed il-flus għal min jaqbdu ħaj jew mejjet.

Fil-kamra li kienu Ġakki Calli u l-oħrajn, sabu 35 biċċa armi tan-nar. Fuq Calli sabu xi ħwejjeġ ta' mara, u għalhekk il-ġisem mejjet ta' Calli ġie mibgħut għand l-Inġiżitur, biex isir proċess fuq dina l-biċċa, u jingħamel il-ħaqq li jistħoqq minnu. It-tnejn l-oħra difnuhom fil-Kappella ta' San Viċens.

Il-biċċa li għamlu l-Kavalieri kienet kerha wisq. Fiż-żmien li qegħdin insemmu (1639), ħadd ma kien jista' jmiss xagħra minn bniedem mistkenn fi Knisja, tkun xi tkun il-ħtija li jkun għamel. Lanqas il-Ħaqq ma kien jista' għalih. Min jittarraf jikser l-immunità tal-Knejjes, kien jaqa' fl-ċċensura u jiġi skumnikat. Mhux darba u tnejn, nies li ħadu sehem fi ksur ta' immunità, kellhom isiefru u jmorru Ruma biex jaqilgħu l-maħfra ta' dnubiethom. (1)

Minn dan li għedna wieħed jista' jaħseb kemm kienet kbira l-ħtija li waqgħu fiha l-Kavalieri, meta dawn qatlu nies li kienu mistkennijin ġo Kunvent.

---

(1) Imħabba ksur ta' immunità li sar mill-Qorti tagħna fl-1637, kellhom imorru Ruma l-Avukat Fiskal tal-Kistlanija u l-Imħallef tal-Kriminal Ġulju Cumbo, biex hemm jaqilgħu l-maħfra ta' ħtijiethom. Fi "Il-Hmar" tat-13 ta' Diċembru 1924, konna ġibna xi ħaġa fuq l-Imħallef Cumbo.

Meta l-Isqof sama' x'għamlu l-Kavalieri, ħareġ l-iskomunika għal dawk kollha li ħadu sehem fil-ksur ta' l-immunità. Din l-iskomunika lanqas l-Isqof in-nifsu ma kien jista' jerġa' jneħħihielhom mingħajr ir-rieda tal-Papa. Għalhekk l-Ordni beda l-ħidma tiegħu biex Ruma taħfrilhom. Barra minn dan, il-Gran Mastru, flimkien mal-Kunsill tiegħu, fittxew jagħmlu Liġijiet ħorox ħafna għal min jerġa' jittarraf jagħmel ħwejjeġ oħra bħal dawn.

Wara ħafna talb mill-Ordni, Ruma ħarġet il-Brevi tal-maħfra għal dawk li ħadu sehem fil-qtil li semmejna. It-tewba għall-maħfra ta' għamilhom ma kinetx ħarxa wisq. Kellhom joħorġu 200 skud biex tiżżejjen waħda mill-Kappelli li hemm fil-Knisja ta' San Duminku tal-Belt. B'hekk ħelsuha aktar ħafif milli kieku kellhom imorru Ruma, għand il-Papa li biex imorru hemm u jerġgħu lura kien ikollhom jonfqu bil-wisq aktar min-nefqa ta' flus li semmejna.

**Ġużè Ġatt.**

# L-GĦAĠLA U L-ARTI

Iż-żmien li aħna fih hu żmien tal-għaġla, żmien tal-ħeffa f'kollox: fil-vjaġġi, fix-xogħol, fl-arti u, konna sa ngħidu, fil-ħajja wkoll.

Vjaġġi li dari jsiru fi ħmistax-il-ġurnata illum isiru f'anqas minn ħmistax-il-siegħa: biċċa xogħol li bl-idejn kienet trid ix-xhur illum bil-makni tinħadem f'anqas minn jum; ktieb li dari kien jitlob is-snin biex jinkiteb, jintabagħ u jixtered, illum issibu miegħek qisu f'ħolma. Il-bniedem sar donnu bla sabar, dejjem imgħaġġel, dejjem ma jlaħħaqx: għalhekk il-ħajja donnha qsaret, u dak li fiż-żmenijiet l-imgħoddija kien jeqdiem f'mitt sena, illum jista' jeqdiem f'anqas minn mitt jum.

Din il-ħeffa u din il-għaġla ġiebu tibdil kbir mhux biss fil-ħajja materjali, iżda wkoll fil-ħajja xjentifika u l-iżjed fil-ħajja artistika. Hi hekk kbira din il-għaġla li xi wħud donnhom jibżgħu li sa kemm jiġu biex imutu huma, ix-xogħlijiet artistiċi tagħhom ikunu diġà qdiemu, u biex għallinqas l-opri tagħhom ma jmutux qabilhom, ħasbu li jpinġu, jonqxu u jiktbu xi ħwejjeġ li huma jaħsbu li jkunu jingħoġbu fiż-żmien li għad irid jiġi. Inħoloq hekk dak li f'dawn l-Arti jissejjaħ *Futuriżmu*.

Jarġa', billi bil-ħeffa fil-vjaġġi u l-aktar bil-ħeffa tal-komunikazzjonijiet bir-radjo il-"bogħod", nistgħu ngħidu li ħarab mid-dinja, u l-pajjiżi, għalkemm eluf ta' mili mifrudin minn xulxin, saru donnhom pajjiż wieħed, tnisslet ukoll il-fehma u x-xewqa ta' Arti Internazzjonali, jiġifieri ta' Arti —pittura skultura mużika u poeżija li tista' togħġob lil kulħadd fid-dinja u *tkun* ta' kulħadd.

Ħafna żgħażagħ, li dejjem u kullimkien iħobbu l-ġdid u bil-ħeġġa kollha ta' qalb mimlija saħħa u tama jintefgħu għal kull ma turihom il-fantasija, dlonk ħaddnu dawn il-fehmiet, u llum tara u tisma' ħwejjeġ illi, jekk xi drabi juru xejriet sbieħ u għaqlin f'min jaħdimhom, bosta drabi oħra juru illi l-ġdid fl-Arti ma hux ħaġa oħra ħlief thewdin

tal-moħħ u deħriet fiergħa ta' ġmiel li ma jinsab imkien ħlief fil-fantasija ta' min joħloqhom.

Għalhekk fuq din l-arti maħluqa mill-ħajja nervuża u maħruba tal-lum, in-nies ta' nervi qawwijin u ta' qalb soda ma tkellmux la bi kliem ta' tifħir anqas bi kliem ta' tama sabiħa; bil-maqlub qalu fuqha kliem li juri ċar li huma ma rabtux qalbhom magħha.

Erba' kelmiet, li fihom xi ttiegħem, fuq il-Poeżija Moderna li trid tinqata' għalkollox mix-xejra tal-poeżija taż-żmien ta' qabilna, qalhom G. K. Chesterton: " Dak li trid id-dinja, u dak li d-dinja qiegħda tistenna ma hix Poeżija Moderna jew Poeżija Klassika, jew Poeżija Neo-klassika—iżda Poeżija Tajba". (Ara: 'The Illustrated London News tad-9 ta' Frar, 1935). U fuq l-Arti, l-aktar fuq il-Mużika Internazzjonali, erba' kelmiet il-ġmiel tagħhom xeħet bir-Radjo lill-ħbieb ta' l-Amerika Ottorino Respighi fit-taħdita tiegħu fuq il-Mużika Taljana tal-lum: "Jiena ma nemminx illi Arti Internazzjonali tista' tgħix: l-arti ma tistax titrawwem jekk ma hix ħierġa mill-qiegħ tal-qalb, jekk ma hix il-wirja u t-tifsira ħajja ta' bniedem. U billi l-għelma ewlenija u l-iżjed qawwija ta' kull bniedem hi dik tan-nisel u tal-ġens, l-arti trid tkun b'saħħa l-espressjoni ta' poplu. Tista' mbagħad issir universali, jekk ikollha l-qawwa u s-setgħa li tfisser u ssaħħaħ dawk is-sentimenti li qegħdin fis-sisien tas-sura tal-bniedem u li għalhekk huma wirt tal-ġnus kollha." (Ara: Radio Corriere tal-10 ta' Frar, 1935).

DUN KARM

# IL-GĦELMA *

*(Tifkira tat-8 ta' Settembru, 1565)*

Għannu l-Ħarsien! lill-Qalbenin ta' darba,
mramma ġisimhom ta' qawwa bla qies!
Tfisser MEWT tas-SALIB jew tan-NOFS-QAMAR
it-TAQBIDA--Bandiera żżomm il-jies.

ABJAD—safa tal-qlub,
AĦMAR—dmija mxerrdin;
Qimu l-BANDIERA, u intom
tagħtu ġieħ lill-MEJTIN.

Ma jiswa xejn il-ward fuq it-TIFKIRA,
xejn il-kliem u l-bandieri mifruxin;
kollox duħħan jekk ta' kull wieħed minna
il-QALB mhix SAFJA ġo nirien ħajjin.

ABJAD--eċċ.

Aħilfu, mela, l-LUM, irġiel, tfal, nisa,
li tqimu lill-BANDIERA tas-SAFJIN:
GĦELMA!—iżda tfisser dak li kulħadd jifhem,
SEDQA 'l ALLA, 's-Sultan 'l-Art tal-Maltin.

ABJAD—eċċ.

DUN KARM

25-4-37

* *Mill-Ingliż ta' Miss May Butcher.*

# Għajdut Malti

*(Issibu Għajdut ieħor fil-*'Malti' *ta' Settembru, Diċembru 1934 u Marzu 1935).*

Kellu xi tabxa sewwa l-Qorti
Imqaxqax daqs Ġobb
Jidħak bix-xemx għaddejja
Mhux kif ġieb u laħaq
Riżq u barka
Dur dur fejn ried ġiebha
Imur għal riħu.
Kollox mill-art. (Jiġifieri tixħet kollox nej u flimkien fil-borma.)
Ħadu fuq demm id-dars.
Kemm ġiebha bi kbira.
Irid parank biex jiċċaqlaq
Ġriet ix-xniegħa.
Tismax qanpiena waħda.
Taħlef għal ħadd.
Miet b'laħmu u b'xaħmu.
Jiswa mitqlu deheb.
Moħħu ma jtihx, moħħu qasir, ma jilħaqlux
Trid tkun bil-pinna u l-klamar miegħu.
Igħix bl-akkerija.
Rajtu anġlu quddiemi.
Ridt l-art tiblagħni.
Il-kliem bħaċ-ċirasa.
...u x'inhu jdurli mal-lewża
Mhux ħlief iraħħamli
Issa dħaltli ġol-għalqa
Darba jdoqq l-arloġġ
Baħrin aħna
Dak baħri tal-bnazzi
Riedha bl-art u l-baħar.
Il-għawi ħu l-ġenn.
Ta' kuljum iwaġġa' r-ras.
Ma jħallix waħda taqa'.
Qadim tapizzolu.
Għandu anemija ddoqq l-iskotti.
Għandu deni ta' żiemel
Għandu deni jisreġ
Darba tiġi żewġ

Ħożż fl-ilma
Xotta bħal plajja.
Mad-daqqa jew mas-sabta l-mewt.
Donnu ras maqtugħa.
Aqta' qatgħa fil-laħam il-ħaj.
Daqs illum u għada.
Donnu sitta xaħam f'karta.
Jekk mhux ħmar, felu.
Xita bil-ħodon.
Infetħu bwieb is-sema.
Trid tkun miegħu bħan-nar max-xama'.
L-isbaħ l-indafa qal maħmuġa.
Jaqta' ammozz (jgħid li jiġi f'moħħu).
Waqgħet kemm għandha tul.
Dari t-trieq nixrobha (kont ħafif fil-mixi).
Għandu moħħu daqs imħara (jaħseb qasir).
Aħbi x-xemx u uri lilha.
Qabadu ferħ ta' ġenn.
Malta ma tirruftax qamħ.
Spara għall-ajru u agħmel toqba.
Saħaq fl-ilma.
Minn tlieta 'l fuq jagħtu bil-buq.
Kollox jiġi siegħtu.
Għar-riħ bla xita.
Fuq min jiġi sultan.
Ħallieni f'nofs leħja.
Qalbi bdiet tħabbat sitta sitta
Marid mejjet
B'nofs ħajra
Ħallata-ballata
Jagħli għax jisbaħ
Bl-ingirr-ingirr
Ħbieb ta' ġewwa
Bieb u għatba
Donnu ruħ żota
Wiċċ ħmieti
Għandha ruħha fi snienha
Għandu snienu bandla
Iblah karnival
S'issa ward u żahar
Ċinkwina ħames ħabbiet
Ġibtha żewġ
Ħareġ bil-ħabb (igħiduh meta ma jirnexxix xi negozju.)
Ħoll xagħrek u ġib iż-żejt.

Inqalagħlu xi saram
Qalil minn qaddisu
La ħess u la mess
Wiċċu mqaxxar
Qiegħed b'seba' għajnejn fuqu
Ħalli jħabbat il-baħar
Idur ma' kull riħ
Baħar ix-xatt (ġibuha żewġ)
Ġewwa x-xilep
Bid-duqqaqa dal-għodu
Id-demm jiġbed
Ħalli min jarak
Ħareġ inkiss inkiss
Daħal kutu kutu
Ħareġ bħal sajjetta
Tagħti għajn ħażina
Għarqan ilma f'ilma
Żaqqu tasa' ġiebja
Jiekol miġbħa
M'għandux mid-dinja
Qiegħda fil-ponta ta' lsieni
Ħaddtu mix-xebh
Għandi għatx klubi
Idur dawwara mejt
Denbu taħt il-blata
Ma jarax 'l hinn mill-ponta ta' mnieħru
Ta ruħu għall-knisja
Ta' ħajjet ir-ruħ.
Mill-Milied sa San Stiefnu
In-nies tkun taf x'toħlom bil-lejl
Rajt il-ħaġra l-morra
Ġera d-demm fih
Demmu jerfgħu wisq (nervus wisq)
Demmu spont
Ġerra l-ħarira
Għandu qatra nbid tagħqad fuq is-subgħajn
Tiegħi f'tiegħi
Miexi fuq xfar għajnejh
Inqatgħetlu ż-żejża
L-ajru għalaq għajnu
Qalbi treqq
Tisfa' ċċejjaq
Għedna nifdu ħaqq li nfaqna
Għax ma kienx ! . . . . l-erwieħ !

Ġej ħodom ilma
Xita bil-qliel
X'baramlek... (x'fittillek)
Żamm il-għatx (Ilha ma tagħmel xita)
Sewwa xturu
Biċċa ta' raġel igħajjeb kantuniera
L-ajru mħerri (meta tkun ilha nieżla xita bla ma taqta' għal żmien twil)
Bħaz-zokk tal-fiġel
L-imsejkna għamlet il-mewta tagħha
Għandek l-għemiem f'moħħok (mitluf taħt passjoni, jew bla dehen)
Għamlet bħal ferħ naħal (għamlet bexxa żgħira xita)
Ma nsib xejn f'kisbi
Xott bħall-frawli
Meta xxarrbet id-dinja (meta niżlet bexxa xita sewwa)
Suq għax sebaħ
Qiegħed jeħla t-temp (jiffriska)
Għandi mliemaħ tiegħek (jidhirli li nafek)
Sar għobra (xjieħ għokos)
Imħallta l-bejgħa
Miklub għax-xogħol
Ikkakkmat dejjem fuq il-kotba
Trid tgħaddini minn għajn il-labra
Kelli ħsieb ma stajtx noħroġ minnu (moħħi f'dal-ħsieb biss)
Ġiebha għal xejn għal xejn
Għadu fl-iblah tiegħu
Bir-ragħxa li refgħet ma għarfetx iddawwar wiċċha
Jekk is-suq jerfa' rasu
Iżżid il-borma bil-meraq ta' moħħok (iżżejjen minn żniedek, minn moħħok waqt li tirrakkonta)
Kont għadni daqs naqra.
B'għarqi u xerqi.
Idejh sa jaqgħu bil-bard.
Kulħadd merqtu u ftietu.
Ma kellekx tfarfar ġwienħek u tmur
Ma' dak l-ilma
Tatni tixjira mejt
Mill-qalb il barra
Fil-qabda (fit-tokk)
Daqsxejn ta' żrejmeċ lanqas jidher f'wiċċ l-art
Jekk għandek xi ħsieb ħottu

Qabad l-art (mar tajjeb fin-negozju)
Ma qagħadx itgħemhielek (tak bxara ħażina ċara u tonda)
Skond m'aħna ħatarna
Qabditni ħlewwa ta' qalb
Biex qegħdin la 'l hawn u la 'l hinn
Kemm imbill griżmejja
Għaddi ma' għerq il-ħajt
Bejn ħalta u ħaltejn (bejn iva u le)
Għandha lsienha jtaqtaq daqs summiena
Ġieb ġieba flus minn barra
Ġiebli ruħi fi snieni
Xandruh ma' l-erbat irjieħ
Telaq bil-qalb it-tajba
Nar tat-tiben
Mhux ta' sebgħu f'ħalqu
Bil'li griżmejja għat-tafja
Qatta bla ħabel (la kap u la kuda)
Inġabar, daħal f'qoxortu
Ingħaqdu qaqoċċa (ta' fehma waħda)
Kemmex xufftejh
Offi għalik
Ma jqumx b'xebgħa swat
Lagħabu nieżel (jixtieq ħafna)
Kull qalb trid oħra
Mar b'wiċċu minn quddiem
Ma kellux faħam miblul
Kelb għalih in-nifsu
Duħħan bla xiwa
Toħlomx bil-ftajjar
Mhux ta' b'xejn din tiegħu
Miet kiesaħ u biered

R. M. B.

# Il-Mogħża

Lill-mogħża jafha kulħadd; kulħadd jaf li hi bhima ġwejda, xi drabi fuq ruħha, li tagħtina l-ħalib kuljum u li minnha naraw mat-triqat tagħna għaddejjin merħliet sħaħ mixjin wara sidhom, minn filgħodu sa ma jidlam ċappa. Iżda mhux kulħadd jaf l-ismijiet li di'l-bhima jista' jkollha u l-aġġettivi li nagħtuha skond iż-żmien, il-lewn u ħwejjeġ oħra li jkollha jew l-istat li tinsab fih.

Għalhekk jiena ħsibt li ngħid xi ħaġa żgħira għal dawk li jixtiequ jafu bir-reqqa l-ħwejjeġ ta' madwarhom, biex meta jiktbu jkunu jifhmu sewwa dak li qegħdin igħidu.

Ngħidulha "mogħża" lil din il-bhima li semmejna fuq, meta tkun għallinqas għamlet jew ferrgħet, darbtejn.

Il-ferħ (wild) tal-mogħża jgħidulu "gidi" jew "gidja", skond ma jkun raġel, jew mara.

Il-gidja, meta tikber li tkun tista' titgħammar (jiġifieri toħbol, tnissel) u jkollha l-friegħ, igħidulha "Għaniqa"

Meta tagħmel l-ewwel darba, igħidulha " għaniqa ta' l-ewwel ".

Il-mogħża tista' tkun ta' ħafna lwien, u jgħidulha *bajda*, *ħamra*, *sewda*, *xaqra*, eċċ. meta tkun kollha kemm hi ta' wieħed jew ieħor minn dawn il-lwien li semmejna, iżda,

Jekk tkun bajda bi tbiegħi kbar ta' lewn ieħor, igħidulha *belqa*: belqa *bl-aħmar*, jekk it-tebgħa tkun ħamra, belqa *bl-iswed*, jekk it-tebgħa tkun sewda.

Xi drabi jkollha x-xagħar abjad b'xi waħdiet sewdenin u billi dik it-taħlita ta' lwien tkun tagħti fl-ikħal, lill-mogħża jgħidulha *kaħla*.

Jekk bla qrun, igħidulha *fartasa*.

Jekk bil-qrun, igħidulha *muqrana*.

Jekk widnejha twal bosta *torka*.

Jekk widnejha qosra ħafna u mibrumin, igħidulha *garruwa*.

Jekk widnejha mdaqqsin, *barżakka*.

Jekk żgħar u mgerb'bin, *mondija*.

Sider il-mogħża jgħidulu "driegħ" driegħ-il-mogħża.

Il-mogħża tista' terħi, tarfa' tnižżel jew ittalla' drieghha.

Il-mogħża jgħidulha *li titfa' 'l barra*, meta hi u timxi titfa' sidirha għal wara saqajha, u għalhekk ma tkunx tajba ħafna għall-mixi.

D. K.

# KOTBA ĠODDA

ĠUŻE GALEA — *Żmien l-Ispanjoli*, pp. 292. Stampat għand Giov. Muscat.

Fost il-kotba bil-malti li ħarġu din is-sena, ebda wieħed ma jista' jissemma iżjed minn dan. Għad illi r-riżultat tal-konkors imniedi mill-Gvern għall-aħjar rumanz jew rumanzi ħareġ xhur ilu, in-nies kienet tistenna, u bir-raġun, li tara hija nfisha x'rumanzi kienet għażlet il-Kummissjoni. Issa ħareġ l-ewwel wieħed jiġifieri dak li ħa t-tieni premju li huwa tat-Tabib Ġużè Galea jismu *Żmien l-Ispanjoli*.

Nistgħu ngħidu li mill-ewwel daqqa t'għajn il-ktieb iħajrek taqrah u meta taqrah għandu żgur iogħġbok. Kif inhu mqassam fi tliet taqsimiet u ħafna kapitoli żgħar miktuba bi stil sabiħ, kliem mexxej, deskrizzjonijiet qosra u ħelwa, djalogi ħajja, meta tibda taqrah ma tkunx trid tieqaf qabel ittemmu; bħala rumanz, jew aħjar bħala "novel" kif isejħu l-ingliżi kitba ta' din ix-xorta, jista' jitqiegħed ħdejn kull wieħed ieħor barrani u bħala biċċa kitba maltija għandu joqgħod fost ta' l-ewwel. Il-fond storiku tar-rumanz li qiegħed dwar tliet biċċiet sbieħ ta' l-istorja ta' Malta: il-fidwa ta' Malta minn taħt idejn Monroi, il-miġja u t-tkeċċija tal-furbani minn artna u ż-żjara lil Malta tar-Re Alfonsu l-Qalbieni, isebbaħ il-ġrajja li tintiseġ miegħu mill-bidu sa l-aħħar. Kemm hu sabiħ u kemm igħallem rumanz storiku bħal dan, u kemm għandna bżonn iżjed minn din ix-xorta ta' rumanzi li fil-ħin li jgħidu ġrajjiet sbieħ u jpinġu karattri ta' nies bi lwien l-iżjed ħajja, igħallmu l-istorja ta' pajjiżna, ifakkru fi drawwiet aktarx minsija u juru u jdaħħlu ġo qlubna l-għemil kbir u qaddis ta' missirijietna!

Ma jistax ikun noqogħdu nsemmu l-ġrajja kollha ta' dan ir-rumanz l-ewwelnett għaliex biex inġibuha fil-qosor intellfu ħafna mill-ħlewwa u min-nisġa tagħha u t-tieninett intellfu wkoll il-gost ta' minn għadu ma qrahx — iżda ma nistgħux ma ngħidux kemm laqtuna xi bċejjeċ minnu :

Taqra u tara quddiem għajnejk żiemel għaddej jiġri b'rikkieb fuqu, tisma' l-passi, tisma' l-leħġa; minn quddiem niċċa tal-Madonna żewġt itfal ragħajja jsejħulu u jitolbuh inewlilhom iż-żir

ħalli jbiddlu l-ward ta' quddiem il-Madonna; kemm nixtieq kont pittur ħalli npinġih lil dak ir-raġel daqs hawn jerfa' lil dik innitfa ta' tfajla 'l fuq il fuq biex tilħaq man-niċċa, u mbagħad kont inpinġihom għarkobbtejhom lil dawk iż-żewġ anġli jitolbu 'l Madonna ġġibilhom lil missierhom lejn id-dar!

Band'oħra tistħajlek tara lill-Ġurat u 'l ibnu l-kbir sejrin għall-kaċċa: rekbin iż-żwiemel, imdawrin b'qaddejja, paġġi u falkunieri, min riekeb u min miexi b'raxxa klieb, marbutin sitta sitta, jinbħu, jaqbżu u jkarkru warajhom lil dawk li kienu jżommuhom.

It-taqbida bejn is-suldati tad-Dejma u n-nies tal-Palazz il-Ġdid f'Wied il-Kbir, waqt maltempata li tbażża', id-daħla tal-miġfna ta' Spanja fil-port tagħna u l-laqgħa tal-Maltin lir-Re Alfonsu u fl-aħħarnett il-Ħaqq ta' l-Armi jew it-taqbida bejn iż-żewġ kampjuni: Martin Gatt u l-Kavalier l-Iswed fil-witja tal-Marsa huma kwadri oħra li la darba tkun rajthom mal-qari ta' dan il-ktieb mhux lakemm titlifhom minn quddiem għajnejk.

Ktieb sabiħ bħal dan ta' madwar 300 faċċata, stampat ċar u fuq karta tajba, u, fuq kollox, ta' tagħlim u ta' mogħdija tażżmien, għandu jinstab fil-librerija ta' kull malti.

*Ix-Xirka għat-Tixrid ta' Qari Malti* ta' l-Eġittu ħarġet ktieb ieħor bil-Malti li jagħmel ġieħ l-ewwelnett lill-kittieb tiegħu u mbagħad lix-Xirka nfisha; dan hu l-buzzett Patrju-Drammatiku b'att wieħed *L-Akbar Imħabba* ta' Ivo Muscat-Azzopardi, mitbugħ għand id-ditta Giov. Muscat. Dan il-buzzett inħadem l-ewwel darba f'Lixandra, fit-13 ta' Settembru, 1936, fit-Teatru "Al Moassat" u kien ingħoġob ħafna, issa, stampat kif inhu, ma jistax jonqos li ma jagħtix gost lil kull min jaqrah. Dan il-ktieb ħaqqu jkun milqugħ tajjeb minn kulħadd għax miktub ħelu u jolqtok tassew, iżda, barra minn dan, in-nuqqas ta' xogħlijiet drammatiċi bil-Malti (għax barra mill-*Fidwa tal-Bdiewa* ta' Ninu Cremona u *Catarin* ta' L. Rosato, tista' tgħid li ma għandna xejn) għandu jkompli jħeġġiġna biex nilqgħu tajjeb dan ix-xogħol ħalli ħaddieħor jitħajjar jikteb u jistampa xogħlijiet drammatiċi bħal dawn.

Waslilna wkoll minn għand din ix-Xirka għadd speċjali ta' "Il-Qari Malti" għal jum it-tfakkira tar-Rebħa tat-8 ta' Settembru 1565. Stampat tajjeb ħafna għand De Giorgio's Press ta' Port Said; fih ħafna stampi u artikoli interessanti bil-Malti, bl-Ingliż u bil-Franċiż.

Barra minn dawn il-kotba, bħal ma ġa għidnielkom, ix-Xirka ġa ħarġet tnejn oħra, *Ċensu Barbara* ta' Ġużè Muscat-Azzopardi u *Minn Xtut in-Nil.* Fuq dan ta' l-aħħar, li ħabbarnieh fl-aħħar ħarġa, xejn ma għidnielkom għax ma kellniex wisa' f'dak il-għadd għalhekk jixraq li, la darba qegħdin insemmu din ix-Xirka, ingħidu xi ħaġa fuqu wkoll.

Dan il-ktieb hu magħmul minn tnax-in-Novella miktubin minn Maltin-Eġizzjani li xi wħud minnhom għadhom jibdew jitħarrġu fis-sengħa tal-kitba maltija. L-ewwel fost il-kittieba tiegħu rridu nsemmu lis-sur Ivo Muscat-Azzopardi, li bħal missieru, taha biex jaħdem b'ruħu u ġismu għal ilsien art twelidu. Il-kitba tiegħu nafuha biżżejjed sew għall-istil kemm ukoll għall-ħeġġa patrijottika tagħha, xhieda l-buzzett *L-akbar Imħabba* li semmejna iżjed il fuq. Kittieb ieħor, li jekk noqogħdu għan-novella li hemm tiegħu f'dan il-ktieb iwiegħed li, jekk isib min iħeġġu, għad naraw tiegħu volumi sħaħ, huwa s-sur Ant. Bajada. Fost il-kittieba l-oħra hemm żewġ nisa li għad li waħda minnhom mhux iżjed fostna l-ħajja u għalhekk ma nistgħux nittamaw iżjed minnha, lill-oħra (is-Sinjura Said) ta' min iħajjarha u jagħmlilha l-qalb għall-quddiem. Jaħasra hawn Malta, in-nisa tagħna, tneħħi xi waħda jew l-iżjed tnejn, xejn ma huma mħeġġin għall-kitba bil-malti u lil dawk li jaqraw dan inħajruhom jagħmlu bħas-Sinjura Said ta' l-Eġittu. Mhux biss dawn, fost il-kittieba ta' dawn it-tnax-il-novella sa kemm l-Eġizzjan effendi Ħassan, kompożitur fil-mitbagħ tas-Sur De Giorgio li fisser ħrafa għarbija bil-lsien Malti !

[Il-kotba tax-*Xirka għat-Tixrid ta' Qari Malti* f'Malta issibu tixruhom minn għand id-Ditta Giov. Muscat ta' Strada Mercanti il-Belt: *Ċensu Barbara* 1/- *Minn Xtut in-Nil* 1/- *L-Akbar Imħabba* -/7 u l-Għadd speċjali tal-*Qari Malti* -/4-

Dawn il-ġranet ħareġ it-tieni ktieb ta' *Ġrajjet Malta u n-nies tagħha* miktub minn Dr. A.V. Laferla O. B. E u maqlub bil-Malti minn G. Ebejjer u S. Gatt. Ma jagħmelx għajb lil ta' qablu. Fih imfissra ċar u ħafif il-ġrajja ta' Malta mill-miġja tal-Kavalieri ta' San Ġwann sat-tmiem tas-saltna tal-Grammastru Pintu—ktieb sabiħ, bi 80 faċċ. bi ftit stampi, stampat fl-Oxford University Press.

Is-Sur J.J. Marks ħareġ l-ewwel ktieb fost erbgħa li sejrin igħaqqdu x-xogħol tiegħu jismu *Tejbilhom Ħajjethom.* Din l-ewwel Taqsima fiha 64 faċċ. u tinbiegħ -/6.

F. S. C.

# "Ġabra ta' Kitba Maltija"

SEJĦA MIT-TABIB ĠUŻE BONNICI

Kull meta joħroġ ir-rapport tal-Biblijoteka ta' Malta, sena wara sena, meta jitkellem fuq il-kitba Maltija, igħid li ma hemmx u m'humiex joħorġu kotba biżżejjed bil-Malti biex jilqgħu t-talb ta' dawk li jħobbu jaqraw b'ilsien art twelidhom u jitlob lill-Gvern jagħmel xi ħaġa biex iħajjar lill-kittieba tal-Malti jżidu fil-kitba tagħhom u fil-ħruġ ta' kotba b'ilsienna.

S'issa l-Gvern ma għamel xejn jew għamel ftit wisq. Lanqas ma deher xi bniedem li ħa fuq spallejh ir-responsabbiltà li jqawwi qalb il-kittieba tal-Malti u joħorġilhom il-kotba tagħhom u jeħlishom mill-ħsieb u mill-biża' ta' l-ispejjeż u jħallashom mill-aħjar li jista' ta' xogħolhom. Xi erbgħin sena ilu, is-Sur Fons Maria Galea kien beda joħroġ il-kotba tal-Mogħdija taż-Żmien, iżda dawn, bħal kull ħaġa fil-bidu tagħha, tant għad-daqs tagħhom, kemm ukoll għall-kitba ta' ġo fihom, ma jistgħux jissejħu għal kollox kotba li kabbru l-isem tal-letteratura Maltija, għalkemm għenuha ħafna biex timxi 'l quddiem.

## IL-LETTERATURA MALTIJA

Il-Letteratura Maltija għadha fit-tfulija tagħha, l-aktar il-proża. Ir-rumanzi tajbin tal-Malti li jistgħu jħabbtuha ma' dawk ta' artijiet oħra, jingħaddu fuq is-swaba' ta' id waħda. Ġabriet ta' novelli għadhom qatt ma ħarġu u dawk li l-Ingliżi jsejħu "essays" għadhom qatt ma dehru f'ilsienna.

X'inhi l-ħtija ta' dan? Fiż-żmien l-imgħoddi l-kitba tal-Malti kienet magħduda bħala telf ta' żmien u dawk li għal ħilithom jew għal għerfhom setgħu jiktbu xi ħaġa ta' fejda kienu jagħżlu xi lsien ieħor biex ma jnaqqsux ġieħhom. Illum dan għadda u mar u ħadd ma għadu jistħi jingħadd bħala kit-tieb tal-Malti. Dak li llum qiegħed jaħqar il-kitba maltija u jaqta' qalb il-kittieba hu l-biża' ta' l-ispejjeż. Biex toħroġ rumanz sura ta' nies u tagħmillu ftit tar-reklam biex jimxi trid madwar £40.

Ftit huma dawk il-kittieba li, wara li jitilfu ħafna żmien u xogħol biex jiktbu xi ħaġa, jistgħu joħorġu dawn il-flus minn buthom u li jekk ikun hemm xi telf (bħalma ħafna drabi

jiġri) ma jbatux huma u nieshom: minħabba f'hekk huma aktarx li ma jiktbux iżjed.

## TELF TA' FLUS

Għaliex il-kitba tajba bil-Malti s'issa għadha qatt ma ħalliet qligħ ta' flus ? Il-poplu ta' Malta hu maqsum,—bejn dawk li jafu jaqraw b'xi lsien barrani u dawk li jafu bil-Malti biss. Ta' l-ewwel aktar jaqraw xi rumanz b'ilsien barrani li jafu u jidhrilhom li jekk jaqbdu xi ktieb bil-Malti sejrin jonqsu ; u l-oħrajn li jafu bil-Malti biss m'humiex imgħallma biżżejjed biex jifhmu, u jitgħaxxqu b'kitba tajba u aktar jieħdu gost b'kotba mimlija serq, qtil, fantażmi u ħafna ħmerijiet bħal dawn. Minħabba dan, il-kotba tajba ma jimxux u jġibu magħhom telf ta' flus lil min joħroġhom. Għalhekk il-kittieba tajba jaqtgħu qalbhom u l-letteratura maltija ma timxix il quddiem u tikber.

## ĦRUĠ TA' KOTBA

Biex ngħinu l-kittieba tal-Malti u nkabbru l-letteratura maltija ħsibna biex nibdew noħorġu ġabra ta' kitba Maltija. Kull tliet xhur noħorġu "rumanz" jew ġabra ta' "novelli" oriġinali miktuba minn Malti. Il-kittieb ikun min ikun, jurina l-kitba tiegħu u jekk tkun tajba u ta' fejda jara xogħlu stampat bla taħbit ta' xejn u bla nfiq ta' flus. Anzi jekk ikun hemm il-qligħ jieħu nofsu.

## "IMSEĦBIN FIL-ĠABRA"

Biex il-ħsieb tagħna jseħħ hemm bżonn li jkollna l-għajnuna ta' dawk li jħobbu l-Malti u jixtiequ jaraw il-letteratura tagħna tikber. Bħal ma għedna qabel, biex wieħed joħroġ ktieb sewwa u jmexxih irid madwar £40; biex joħroġ erba' kotba f'sena jrid £160. Naħseb li ħadd ma jistenna li jien, barra t-taħbit u xogħol li nieħu, sejjer noħroġ din is-somma minn buti ; ukoll kieku rrid, ma nistax.

Hemm bżonn, għall-ġid ta' lsien artna, li 700 ruħ jissieħbu miegħi fit-tixrid ta' Ġabra ta' Kitba Maltija" u jintrabtu li kull tliet xhur iħallsu mhux aktar minn xelin u nofs u jieħdu l-ktieb li joħroġ : f'sena, għal erba' kotba jħallsu mhux aktar

minn sitt xelini. Min jitħajjar u jixtieq igħin billi jissieħeb fil-'Ġabra ta' Kitba Maltija' hu mitlub jibgħat ismu f'dan l-indirizz; Lit-tabib Ġuże Bonnici, 131, Trieq San Pawl, il-Belt. Il-ħbieb tal-Qari Malti għandhom kollha jissieħbu u jħajru lil ħbiebhom jagħmlu bħalhom, għax jekk ma jkunx hemm għadd ta' mseħbin biżżejjed, il-"Ġabra" ma tkunx tista' toħroġ.

## FORMULA

Il-Formula hija din :—

"Jien, nixtieq nissieħeb fil-"Ġabra ta' Kitba Maltija" maħruġa mit-tabib Ġuże Bonnici, u nintrabat għal sena bi ħlas ta' mhux aktar minn sitt xelini għal erba' kotba ma' tul din is-sena. Jekk ma nkunx irrid nintrabat għas-sena ta' wara navża bi tliet xhur bil-quddiem."

Isem . . . . . . . .

Fejn toqgħod . . . . . . . . .

* * *

Ma hemmx għal fejn inżidu kelma oħra ma' dawn l-erba' kelmiet sbieħ u f'waqthom tat-tabib Bonnici. Lit-tabib Bonnici, il-qarrejja tagħna jafuh tajjeb: fil-*Malti* tagħna ġieb ħafna novelli u kien mill-ewwel li-stampa ktieb bl-alfabett u l-ortografija tal-Għaqda jismu *Imħabba u Mibegħda* meta b'din l-ortografija ma kienx għad hawn ħlief ħames jew sitt kotba biss u meta l-Għaqda kienet kważi bla magħrufa u mħabbta bil-bosta minn min kien beda jibża' minnha. Nixtiequ ħafna li *l-qarrejja kollha tagħna* jiktbu lit-tabib Bonnici biex jissieħbu f'din il-*Ġabra.*